# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 1596/2017/3 TA**

**Dr.Tonio Azzopardi as special mandatory of Etienne Merlevede in his own name and on behalf of his twin minor children Gabriel and Chloe born on 27 June 2007 as authorised by decree dated 19 th February 2013**

**vs**

**Attorney General u b'digriet tas-17 ta' Frar 2020 ġew imsejjħa fil-proċedura il-bank Ċentrali ta' Malta u l-accounts general**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Dr. Tonio Azzopardi nomine tat-13 ta' Frar 2019.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-1 ta' Marzu 2019.

Rat ir-risposta tal-Bank Ċentrali tat-22 ta' Mejju 2020: (a' 66).

Rat ir-risposta tal-Account General tat-12 ta' Marzu li biħ wieġeb is-segwenti: (a' fol 56).

Rat l-atti kollha ta' din il-proċedura.

Rat li l-partijiet trattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet fil-miftuħ għall-lum.

**Ikkunsidrat:**

Dawn il-proċeduri saru biex fuq talba tar-rikorrent din il-Qorti tordna li jinbdew proċeduri ta'disprezz, inizjalment kontra l-Avukat Generali u wara bil-kjamata in kawża tagħhom, kontra Il-Bank Centrali u l-Accountant Generali ukoll. Dan għaliex, wara li nħareġ mandat ta' Sekwestru Esekuttiv numru 1596/2017 fl-ismijiet Advocate Tonio Azzpoardi nomine -vs- Attorney General, biż-żewġ intimati l-oħra indikati bħala sekwestratarji, dawn naqsu li jgħaddu għad-depositu tas-somma kannoniżżata fis-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-3 ta' Novembru a' favur tar-rikorrent.

L-ewwel ma jrid ikunu rilevat hija li trid issir distinzjoni bejn id-debitur u s-sekwestratarji ai fini ta' kull ordni li tagħti l-Qorti f'att ta' sekwestru.

F'kull mandat ta' sekwestru dejjem tingħata din l-ordni lill-Marixxalli tal-Qorti:

*"Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat, l-ewwel lis-sekwestratarji hawn fuq imsemmija, u mbagħad lis-sekwestrat fuq imsemmi,* ***iġġiegħel lill-istess sekwestratarji*** *li jżommu għandhom bħala issekwestrata sakemm jagħlaq iż-żmien li fih il-mandat jibqa' jseħħ skont il-liġi, jew, sakemm jingħata Ordni ieħor, jew li jqiegħdu fir-Reġistru*

*ta'din il-Qorti, mill-imsemmija ħwejjeġ jew flus tas-sekwestrat kwantità (jew somma) biżżejjed sabiex biha titħallas it-talba tas-sekwestrant hawn fuq imsemmi, flimkien mal-ispejjeż ta' dan il-mandat taħt piena tad-danni u l-imgħaxijiet kemm-il darba jinkiser dan l-ordni".*(Emfażi tal-Qorti. Ara formula 12 paġna 331 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dan ifisser, li għalkemm kopja tal-mandat għandha tingħata lis-sekwestrat, kif għandu jkun biex jitqiegħed f'posizzjoni li jeżerċita' id-drittijiet tiegħu skond il-liġi, l-ewwel ma jiġu notifikati huma s-sekwestratarji, biex mill-ewwel jikkonġelaw kull assi li jkollhom f'idjehom li jappartjenu lid-debitur sekwestrat, qabel ma dan jsir jaf bil-mandat. B'hekk tiġi evitata l-possibilita' li dan tal-aħħar jilħaq isir jaf bil-mandat u jiddisponi mill-assi tiegħu.

Imma huwa sinjifikanti, li huma sekwestratarji u mhux s-sekwestrat li **jiġu imġiegħla jżommu** għandhom is-sekwestrati l-assi tas-sekwestrat (Għalhekk l-emfażi tal-Qorti fuq imsemmija). Din l-ordni ma hiex direttta kontra dan tal-aħħar iżda kontra l-oħrajn, li fil-każ li għandha quddiemha huma l-intimati Bank Centrali u Accountant General li fil-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri, huma l-uniċi indikati bħala sekwestratarji.

F'dan l-istadju, tqum il-kwistjoni dwar x'inhuma il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra sekwestratarji riklaċitranti u li ma jkunux iridu joqgħodu għall-ordni tal-Qorti. Mit-talbiet rikorrenti huwa ċar għal din il-Qorti, li r-rimedju ttentat huwa dak li jiddisponi l-artikolu dak indikat f'artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*“Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta’ dan it-Titolu, f’kull-proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, **kif jiġi ordnat mill-Qorti**, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur”*.

Kif jispjegaw dawn il-Qrati *"L'indole del sequestro e' di spiegare i suoi effetti anche sulle cose o denari che in seguito alla sua esecuzione giungessero in potere del sequestratario, e cio' fino a nuovo ordine."* (Emfażi tal-Qorti. Ara Sentenza fl-ismijiet **Brockdorf -vs- Micallef - vol.X.727.col.22. Rapportat f'Cremona "Giurisprudeza sulla Procedura Civile" - Vol I p 797**)

Dan huwa li qiegħed jitlob ir-rikorrent, li din **il-Qorti tordna** li jittieħdu proċeduri għad-disprezz. Artikolu 1003A huwa l-uniku wieħed li jipprovdi għal proċedura bħal din. Biex dan ikun jista’ jsir, trid tirrikorri xi waħda mill-istanzi li jsemmi t-titolu li jittratta l-Istitut tad-disprezz. Il-Qorti fliet dan l-artikolu u sabet li dawn huma is-segwenti:

Ksur ta’ bon ordni (art 988)

Imġieba ħażina in *facie curiae* (989)

Kliem mhux xieraq u insulti *in facie curiae* (991)

Rejati ta’ natura kriminali (992)

Imġieba ħażina ta’ disprezz lejn il-Qorti (993)

Kliem inġurjuz fi skritturi (994)

Inġurji diretti lejn uffiċjali tal-Qorti (995)

Eċċessi minn Avukati u Prokuraturi legali (996)

Mandati ta' skorta (998).

Issa huwa paċifiku, li d-disprezz huwa wieħed ta' natura penali (Ara **App. Tas-7 ta' Otttubru tal-1997 fl-ismijiet Edward Camilleri noe-vs-Carmelo Vella** ). Illi minħabba f'hekk, huwa ukoll prinċipju stabbilit li din il-parti tal-liġi għandha tiġi mogħtija applikazzjoni u interpretazzjoni ristretta, għaliex id-diprezz jimporta anke piena ta' priġunerija apparti multi (ara atikolu 997 tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta). Għalhekk meta din il-Qorti eżaminat l-istanzi li japplika għalih l-Istitut tad-disprezz, imkien ma setgħet issib xi għemil bħal dak li qiegħed jilmenta minnu ir-rikorrent u li jwassal biex tkun tista' titieħed azzjoni ai termini tal-liġi kif inhi.

Dan ma jfissirx li jekk sekwestratarju ma joqgħodx għall-ordni b'daqshekk ma jistgħux jittieħdu miżuri kontra tiegħu. Għandhom raġun l-intimati meta jgħid, li fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jekk qatt, huwa applikabbli dak li jiddisponi artikolu 376(2)(d) li jekk is-*sekwestratarju li ma jħallasx jew ma jagħtix lid-debitur, jew lil xi persuna oħra, il-flus il-ħwejjeġ li jistgħu jinsabu għandu u li huma tad-debitu* dan ikun qed jagħmlu *taħt piena ta' ħlas tad-danni u l-imgħax.*

F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jagħllmu s-segwenti:

“`:*Minn qari ta' dan is-subartikolu, kif ukoll mill-artikolu 378 tal-istess Kodici, jirrizulta li l-hsieb tal-legislatur hu biex jorbot lis-sekwestratarju sabiex izomm dawk il-flus jew hwejjeg appartenenti lid-debitur sekwestrat li huma fil-pussess tieghu taht piena tas-sanzjonijiet ikkontemplati bil-ligi. Hekk jiddisponi l-artikolu 378 u cioe.*

‘*Sekwestratarju li, għalkemm ikun fil-pussess ta’ flus jew ħwejjeġ oħra, ta’ proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setgħu ġew is-sekwestrati bil-mandat, u li ma jagħmilx id-depożitu msemmi fl-artikolu 376 fi żmien il-perjodu hemm stipulat, ikun responsabbli għad-danni u l-imgħax favur il-kreditur u l-qorti tista’, wara rikors magħmul għal dak il-għan mill-kreditur, toħroġ dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż l-arrest personali tal-persuna għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, biex iġġiegħlu jiddepożita dawk il-beni’.*

Għalhekk ġaladarba l-ordni fil-mandat mertu ta’ dawn il-proċeduri ma ngħatatx lill-Intimat Avukat Generali u l-proċedura adotta kontra l-intmati l-oħrajn ma hiex dik dettata mill-liġi il-Qorti ser tiċħad it-talbiet rikorrenti.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi tiċħad it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Illum 27, ta’ Ġunju, 2022

**Imħallef Toni Abela**